MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 40/2010

**Frankie Mallia (ID 468338M)**

**vs**

**Martin Vella Degiorgio (ID 109666M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti:

Illi r-rikorrent kera lill-intimat il-fond ‘Rachanne’, 6, Triq il-Qarnit, Qawra, bis-sahha ta’ skrittura privata datata 30 ta’ Settembru 2009 annessa Dok A;

Illi l-intimat kemm-il darba qieghed ikun inadempjenti ma’ l-obbligi kontrattwali tieghu u qed ikun tardiv fil-hlas tal-kera, tant li hemm pendenti s’issa tlett skadenzi ta’ kera dovuti u li ma hallasx;

Illi skond klawsola (k) tal-ftehim fuq imsemmi l-intimat huwa obbligat li jhallas il-kera ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) kull xahar bil-quddiem, pero’ l-intimat naqas li jhallas kif gia’ fuq inghad;

Illi ghalkemm interpellat mil-esponent ghal diversi drabi biex ihallas, l-intimat baqa’ inadempjenti;

Illi ghalhekk l-intimat qieghed jikser l-obbligi kontrattwali tieghu ta’ l-iskrittura fuq imsemmija u ghalhekk ir-rikorrenti qieghed jezercita d-dritt tieghu ai terminu tal-artikolu (k) biex jitlob ix-xoljiment tal-kirja in kwistjoni;

Illi safejn jaf l-esponent, l-intimat ma ghandu ebda difiza x’jaghti konta t-talba;

Ghaldaqstant, l-esponent qieghed ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jitlob lil dana l-Onorabbli Bord ai termini ta’ l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ t-talba tieghu minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza, u dan billi:

1. Jordna x-xoljiment tal-kirja li saret permezz ta’ skrittura tat-30 ta’ Settembru 2009 rigwardanti l-fond ‘Rachanne’, 6, Triq il-Qarnit, Qawra okkorendo billi jiddikjara li l-istess intimat ma’ ghandu ebda titolu biex jibqa jokkupa l-imsemmi fond, u konsegwentement;

2. Jikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dana l-Onorabbli Bord jirrilaxxa l-fond vakanti favur ir-rikorrenti.

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh u li minkejja dan ma resaqx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Semgha lir-rikorrenti bil-gurament;

Ikkonsidra:

Illi wara li ezamina  r-rikors guramentat tar-rikorrenti u l-affidavit tieghu stess u d-dokument hemm akkluz;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat, jiddikjara xolta l-lokazzjoni tal-fond u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-fond 'Rachanne' 6, Triq il-Qarnit, Qawra fi zmien xahar (1) mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------